MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Peter Paul Zammit)**

**vs**

**Anthony Camilleri ta' 57 sena, iben John u Rosaria nee Sammut, mwieled iz-Zurrieq fil-25 ta' Jannar, 1943 u residenti "Tonand", Triq Michelang Sapiano, Luqa detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 76143 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Anthony Camilleri li gie akkuzat talli fl-1 ta' Awissu 1999, gewwa The Strand, Gzira, ghall-habta tal-ghaxra neqsin kwart ta'

filghaxija, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni teighu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna l-mewt ta' Bartholomeo Sultana.

Rat ir-rinviju ta' l-Avukat Generali fejn intbaghtu l-artikoli taht liema jista' jinstab htija.

Rat ukoll li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi kollha.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi mill-valutazzjoni tal-provi li ghamlet din il-Qorti jirrizulta s-segwenti.

Walter Kitcher xehed kemm fl-Inkjesta kif ukoll quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Fl-inkjesta Kitcher jghid li stante li kien dahru lejn il-bankina huwa l-incident fatali fejn ittajjar Bartholomeo Sultana, ma rahx. Sema' biss il-hoss "bum" tant li hasibha habta ta' karozza. Mistoqsi jekk semax xi hoss iehor irrisponda li ma setghax jghid ghax kien hemm hafna storbju.

Dan il-fatt ta' l-istorbju jsib konfront mill-fatt li rrizulta mill-provi li dakinhar kien qed jigi mizmum fl-akkwati l-"beer festival".

Pero' meta Kitcher xehed quddiem din il-Qorti. Zied li barra li sema' l-hoss "bumm", sema' wkoll il-qanpiena tat-traffic lights iddoqq, ghaldaqstant assuma li d-dawl li jikkontrollaw din il-pedestrian crossing kienet ghas-sewwieqa turi d-dawl ahmar (a fol 14).

Xhud iehor li xehdet kemm fl-inkjesta kif ukoll quddiem din il-Qorti kienet certu Martha Kalifa. Jinghad ukoll li x-xhieda ta’ Kalifa kienet determinanti ghal konkluzjoni ta’ l-espert peritali. Fil-fatt fl-inkjesta Kalifa xehdet li hi kienet rat lill-mejjet jaghfas il-buttuna tad-dawl, din daqqet u Sultana beda jaqsam. Qalet li Sultana qasam l-ewwel parti tat-triq, (wasal biex wiehed jifhem ahjar sar refuge f’nofs it-triq) imbaghad kompliet Kalifa kif qasam in-naha l-ohra ghaddiet karozza u tajritu.

Dana kollu, in succint, Kalifa xehditu fit-28 ta’ Ottubru, 1999.

Quddiem din il-Qorti xehdet fil-5 ta’ Jannar, 2001. Hawn qalet li rat lil Bertu (il-mejjet, ix-xhud kienet hekk tafu ghax kienu girien) jaghfas il-push taz-zebra, daqqet, kif daqqet ghadda (fis-sens li qasam, kif wasal ghan-nofs kienet ghada ddoqq, niezel (dejjem minn fuq ic-central strip) u wara ftit kif ha giex passi semghet il-karozza sparata li tajritu.

Stranament pero’ meta Kalifa regghet issejhet mid-Difiża hija esebiet certifikat mediku liema certifikat jghid li x-xhud kienet “… very agitated and stressed and suffers from fretfulness, fidgity poor memory, easry forgetfulness.”

Fuq dan kollu l-Qorti se taghmel il-kummenti taghha aktar tard.

L-akkuzat xehed fl-inkjesta Magisterjali (a fol 40) qal “kif kont ghaddejt (enfazi tal-Qorti) il-lights li kienu jimmarkaw ahdar, hareg wiehed b’girja minn mac-centre strip lejn il-bankina u gie quddiemi u lqattu bil-faccata. Tela’ ftit fuq il-bonnet u tgerbeb mill-ewwel ma’ l-art fuq ix-xellug tieghi.”

Zied dwar dan il-fatt:

“Meta gejt ha naqsam il-lights kien gia hodor u ghalhekk bqajt ghaddej bla htiega li nieqaf”.

Qal ukoll l-akkuzat li l-vettura minnu misjuqa waqfet ezatt fejn il-habta.

Ikkonsidrat

Illi r-rapport peritali konguntiv ta’ Dr Micallef Stafrace u Mr Zammit li wassal ghall-akkuza in dizamina in kwantu l-konkluzjoni tieghu, kkonklud li fil-fatt l-akkuzat kien responsabbli ghall-omicidju involontarju ta’ Bartholomeo Sultana. Ir-rapport wasal ghal din il-konkluzjoni billi senjalament jirriproduci dak li qal Camilleri u cioe li x’hin qorob il-lights dawn kienu hodor u hu (Camilleri) baqa’ ghaddej bi speed baxx, hariglu bniedem b’girja minn wara centre strip.

In ezami tal-provi migbura fl-inkjesta l-perit legali skarta ghal kollox ix-xhieda ta’ Kitcher in kwantu dan ma ra xejn ghax kif gia hawn fuq gie riprodott, qal li kien qed ihares lejn il-bahar.

Punt iehor li f’dan l-istadju ghandu jigi msemmi ta’ Kitcher ghal darbtejn kien qal li l-mejjet kellu vizzju jaqsam bl-addocc, tant li qabel l-incident hu kien widdbu biex joqghod attent.

Dan ukoll huwa punt li ma nghatax rilevanza mill-espert legali.

Ir-relazzjoni fil-konkluzjoni tibbaza hafna fuq dak li qalet Martha Kitcher, anzi tista’ tghid li tistrieh b’mod komplet fuq din ix-xhud. Tikkwota wkoll ir-relazzjoni dak li gia l-qorti rriproduciet li qal l-akkuzat “… kif kont ghaddej (enfazi tal-Qorti) l-lights hareg wiehed.” Ikompli r-rapport “Jigifieri s-sewwieq lanqas asserixxa li lil Bertu laqtu lil hinn mil-lights.” ( a fol 14)

Ikkonsidrat

Illi tibda din il-Qorti billi ssostni illi hija qed tiskarta x-xhieda ta’ Kitcher ghar-raguni li tmur oltre dik konkluza fuq rapport peritali. Fil-fatt din il-Qorti kellha l-vantagg li terga’ tisma’ lil Kitcher u ghalhekk setghet tivvaluta u tizen

ben dak li xehed fl-Inkjesta u dak li qal viva voce quddiemha. Tenfasizza l-Qorti li fl-Inkjesta Magisterjali Kitcher sema' biss il-hoss "bumm" pero' lanqas biss sema' hoss ta' brake, ghax fi kliemu kien hemm hafna hsejjes. Pero' stranament quddiem din il-Qorti sema' anke hoss ta' "warning lights" dawk annesi mal-pedestrian crossings.

Din l-addizzjoni gratuita fix-xhieda xejn ma tikkonvinci lil din il-Qorti tenut kont tal-fatt li Kitcher xehed almenu sentejn wara l-incident de quo u ftakar f'dettalji li meta xehed a tempo vergine gie minsi.

Daqstant iehor pero' inkwetata din il-Qorti x-xhieda tax-xhud okulari, l-unika anzi, Kalifa, li tat tant konfront lill-espert peritali. Dan l-inkwiet isib l-gheruq tieghu f'zewg ragunijiet, li kif jirrizulta mir-rapport, Kalifa ma tiftakarx dak li qalet lil hut il-mejjet dwar l-incident granet wara, min-naha l-ohra pero' rrakkontat l-incident stradali kemm fl-inkjesta kif ukoll quddiem din il-Qorti sentejn wara u tista' tghid li zammet l-istess verzjoni. Pero' meta regghet giet imsejha tixhed uriet li kienet skonvolta, xejn ko-ordinata, u esebiet ic-certifikat gia msemmi.

Dana kollu qed jinghad minhabba l-fatt li l-konkluzjoni peritali rabtet dak li qalet Kalifa ma' dak li qal l-akkuzat b'dan pero' li in parte dak li qal l-akkuzat gie erronjament kwotat (enfazi tal-Qorti).

Kalifa tghid li l-vittma ttajjar fuq il-pedestrian crossing, ir-rapport jirriproduci, kif gia citat, li Camilleri qal li meta kien ghaddej il-lights hareg wiehed.

Ghandu ragun l-Avukat Difensur meta gibed l-attenzjoni tal-Qorti li kemm fl-iskritt tax-xhieda migbura mill-Perit Legali kif ukoll fit-traskrizzjoni ta' l-istess.

Testwalment Camilleri jghid: "Kif kont ghaddejt il-lights …", il-perit legali jipproduci l-kelma ghaddej (ghalhekk l-enfazi tal-Qorti aktar il-fuq). Il-kelma ghaddejt ghad-differenza tal-kelma ghaddej carament turi li Camillier kien qabel il-pedestrian crossing meta ttajjar Sultana u mhux li kien ghadu ghaddej minn fuq l-istess "crossing".

Ghalhekk il-konkluzjoni peritali in kwantu rriproduciet il-kelma ‘ghaddej’ minflok ‘ghaddejt’ in kwantu l-kelma ‘ghaddej’ verament tikkorrobora kif ikkonkluda l-perit dak li qalet Kalifa, hija konkluzjoni zbaljata.

Punt iehor li jserrah mohh din il-Qorti li Sultana ttajjar l’hinn miz-zebra crossing huwa l-pozizzjoni tal-vettura kif tidher fl-iskizz tal-perit Aquilina, cioe oltre z-zebra crossing. Dan huwa kkorroborat mix-xhieda stess ta’ Camilleri li l-karozza waqfet mad-daqqa. Punt iehor korroborattiv ghal dan huma n-nuqqas ta’ brake marks.

Il-Qorti mill-ezami tal-provi prodotti ma tistax ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati taqbel mal-konkluzjonijiet peritali. Anke x-xhieda ta’ Kalifa per se nonostante li kienet konsistenti, thalli certu dubju in kwantu ghal komportament ghal kollox trant taghha. Madankollu anke tenut kont ta’ kif wasal ghall-konkluzjoni l-perit legali, kwalunkwe dubju, u dubju hemm, ghandhom imorru a favur l-akkuzat.

Ghaldaqstant qed tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

--------------------------------TMIEM-------------------------------